**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17/2025

**Laqgħa Numru 17**

14 ta' April, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tnejn 14 ta' April 2025 fl-5.00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | - Sindku |
| Noya Spiteri Hammett | - Viċi Sindku |
| Martin Vella | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |
| Glauber Spiteri | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 17 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **17.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **17.01.01** | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett talbet li tiġi skużata għal din is-seduta ħabba raġunijiet tax-xogħol. |
| **17.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 17.02.01 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 16/2025 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera.<br>Il-kunsillier Glauber Spiteri approva il-minuti tas-seduta numru 16/2025 għad-disgħa leġislatura u l-kunsillier Martin Vella issekonda. |
| **17.03.** | **Korrispondenza** |
| 17.03.01 | Il-Segretarju Eżekuttiv fetħet is-seduta billi infurmathom dwar il-konferenza li saret mil-Cleansing Department, li fiha attendiet flimkien mal-Contract Manager.<br><br>Hija spjegat li ġew mistoqsijin rigward il-problemi li qed jiffaċċja l-lokalità ta' Bormla, fejn mill-naħa tal-Kunsill ressaqna l-problema dwar in-nuqqas ta' bins, kif ukoll il-problema tal-ġbir tal-ħġieġ. Ġie spjegat li, għalkemm il-ħġieġ jinġabar, il-kaxxi fejn jitqiegħed il-ħġieġ jibqgħu jiġru fit-toroq. |
| 17.03.02 | Il-Segretarju Eżekuttiv kompliet billi infurmathom li l-bus stop fi Triq Wiġi Rosato, kif diskuss fl-aħħar seduta flimkien mal-Kunsillier Martin Vella, ġiet identifikata biex tiġi mċaqilqa lejn ix-xellug. Intqal ukoll li se jintuża spazju ta' parkeġġ wieħed biss, li se jinbidel għal bus stop. L-email lejn Transport Malta diġà ntbagħtet, iżda s'issa għad m'hemmx tweġiba. Il- |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | kunsilliera kollha preżenti qablu li qed nitkellmu fuq biss parkeġġ wieħed, għalhekk l-ebda oġġezzjoni ma tqajmet. |
| 17.03.03 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li Triq John Pace ġiet approvata biex issir triq one-way. L-ispiża relatata mal-installazzjoni tat-tabelli u s-sinjali tat-traffiku hija ta' €444. Il-kunsilliera preżenti qablu li ssir. |
| 17.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kunsill dwar il-problemi relatati mat-toroq fejn qed jitla' l-ħaxix, li qed jikkawża li t-toroq ikunu perikolużi peress li jiżolqu. Ġew mitluba tliet kwotazzjonijiet għal interventi, iżda għadna qed nistennew l-aħħar waħda. Ġie spjegat li sempliċiment tnaddaf it-triq mhux se jsolvi l-problema, u li hemm kimika apposta li tista' tintuża biex tipprevjeni l-ħaxix milli jerġa' jitla'. Hekk kif tasal l-aħħar kwotazzjoni, ser terġa tiġi diskussa. Sadanittant, ġiet mibgħuta email lill-Public Works biex naraw jekk jistgħux ilaħħqu jnaddfu t-toroq temporanjament. |
| 17.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kien hemm laqgħa online li saret sabiex jiġu spjegati l-opportunitajiet ta' fondi offruti mill-Erasmus+/European Union Programmes Agency. Dawn il-fondi huma intiżi biex jintużaw għal inizjattivi edukattivi, bħal pereżempju proġetti għal studenti. Is-Segretarju Eżekuttiv esprimiet l-idea li l-Kunsill jista' japplika għal school exchange bejn l-iskola sekondarja f'Bormla u skola oħra fil-Kosovo. Barra minn hekk, ġew diskussi wkoll inizjattivi oħra bħalma huma job shadowing barra minn Malta f'qasam sportiv, kif ukoll proġetti ta' youth exchange. F'dan il-kuntest, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm il-possibbiltà li napplikaw sabiex żgħażagħ minn Prishtina jipparteċipaw bħala mistiedna fil-Short Play Festival li ser isir fil-lokalità. Din l-iskema tagħlaq fis-7 ta' Mejju. Il-kunsilliera qablu li jekk ikollna l-opportunità, nistgħu napplikaw. |

| | |
|---|---|
| 17.03.06 | Is-segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar email datata 20 ta' Marzu li waslet mingħand is-Sa. Dorianne Mercieca, fejn qed titlob sabiex quddiem l-Iskola St Francis jiġi rriservat spazju għal loading/unloading bejn is-7:00 ta' filgħodu u l-14:00 ta' wara nofsinhar. Barra minn hekk, hija talbet ukoll sabiex ma jinħarġux permessi għal parkeġġ fi Triq Hanover u Triq Rikardu Taylor, sabiex il-vannijiet ikunu jistgħu jgħaddu b'mod sigur u jwasslu lill-istudenti sa quddiem il-bieb tal-iskola mingħajr periklu. Il-kunsilliera preżenti ma qablux mal-proposta tal-loading/unloading għar-raġuni li l-iskola għandha tkun infurmata minn qabel meta jkollha xi delivery u b'hekk tista' tapplika għal permess mingħand il-Kunsill għal dawk il-ħinijiet, milli l-ispazju ta' parkeġġ jibqa' mhux użat tul il-ġurnata kollha. |
| 17.03.07 | Is-segretarju Eżekuttiv infurmat li wara laqgħa mal-persuni responsabbli għall-bus stop shelters, ikkonferma li biex jinbena bus shelter, dan irid ikun ta' priorità A. Jekk din ma tkunx priorità, ma jsirx immedjatament, iżda jsir skont il-bżonn. |
| 17.03.08 | Email mingħand is-Sinjura Anna Debono fejn qed titlob li jsir parkeġġ riservat għall-Blue Badge quddiem il-Mużew tal-Bniet bejn il-5pm u 8pm. Il-kunsilliera qablu li l-Kunsill m'għandux jidħol f'parkeġġi personalizzati.<br><br>***Il-Kunsilliera Rita Gatt daħlet fis-seduta.*** |
| 17.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li, f'każ li jkun hemm bżonn xi assistenza mill-Pulizija tal-Komunità, għanda tiġi infurmata hi, u mhux jintbagħtu komunikazzjonijiet direttament lilhom. |
| 17.03.10 | Intbagħtet email mingħand Mr Fish resident ġewwa bormla fejn qed jinfurmana li ġie mgħarraf li kien hemm ħafna lmenti relatati mal-ħsejjes li qieghed jaħseb li ġejjin miż-Żona tal-Shipyard. Madanakollu, jekk ma jkunx hemm ittra uffiċjali mill-Kunsill, ma tistax tittieħed azzjoni. Il-kunsilliera |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | qablu li tintbagħat ittra lis-sezzjoni responsabbli tal-istorbju sabiex tiċċekkja jekk verament hemmx tali ħsejjes, sabiex b'hekk, f'każ li jiġu kkonfermati, il-Kunsill ikun jista' jibgħat ittra uffiċjali |
| **17.04** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 17.04.01 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-kunsilliera li għaddej kuntatt mal-Fondazzjoni Kottonera sabiex jgħinuna nsibu sponsor għas-siġar fid-daħla tat-Tliet Ibliet. |
| 17.04.02 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi informa lill-membri dwar school exchange mal-iskola sekondarja, li għalih ġie espress qbil. Għalhekk ser isir laqgħa online fil-29 ta' April fid-9:00 ta' filgħodu mal-iskola ta' Prishtina. |
| 17.04.03 | Is-Sindku informa lill-membri wkoll dwar fondi taħt il-programm HORIZON, fejn bħalissa għaddej komunikazzjoni bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u dak tal-Isla, u ser jiġi inkluż ukoll il-Kunsill tal-Kalkara sabiex flimkien japplikaw għall-fondi taħt HORIZON-MISS-2025-06-CIT-CANCER-01: Increasing walking and cycling: to reap health benefits, emission reductions and integrate active mobility and micro-mobility devices, with smart technologies and infrastructure. Din l-applikazzjoni qed tiġi kkunsidrata minħabba problemi relatati mat-turġien fil-lokalità tagħna. L-applikazzjoni trid tinkludi 10 bliet differenti minn 10 pajjiżi differenti, u l-fondi jammontaw għal total ta' 6 miljun ewro. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Isla ser jattendu konferenza fil-Litwanja sabiex jagħmlu networking u jippruvaw jidentifikaw sħab oħra interessati li jingħaqdu mal-proġett. Il-Kunsilliera ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li napplikaw għal dawn il-fondi. |
| 17.04.04 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera dwar l-ammont tas-spejjeż relatati mal-vjaġġ ta' ġemellaġġ ma' Civita Vecchia, fejn spjega li jekk jitla' l-Kunsill kollu |

| | |
|---|---|
| | flimkien, jista' jkun hemm problema minħabba l-fatt li l-ispejjeż jaqbżu l-baġit approvat. F'każ li jinstab akkomodazzjoni b'xejn u titjieb is-sitwazzjoni tal-prezzijiet tal-ajru, jista' jkun hemm ċans li jkunu jistgħu jivvjaġġaw kollha. Inkella, jekk dan ma jkunx possibbli, tista' tiġi kkunsidrata l-għażla li jitilgħu fi gruppi differenti sabiex kulħadd ikollu l-opportunità li jipparteċipa f'okkażjoni futura. |
| 17.04.05 | Is-Sindku informa lill-membri dwar il-fanali fi Triq Nelson, li ġew mixtrija permezz ta' donazzjoni. L-ispiża biex jitwaħħal kull fanal tammonta għal €88.50 inkluż VAT. Il-Kunsilliera qablu li jitwaħħlu l-fanali għal dan il-prezz.<br><br>Barra minn hekk, is-Sindku informa li persuna residenti fi Sqaq l-Erwieħ offriet li tħallas għal fanal wieħed. F'Triq Hanover kien hemm persuna oħra li ħallas għal erba' fanali, filwaqt li f'Triq Ludovic Mifsud Tommasi hemm persuna li offriet li tħallas għal żewġ fanali oħra. Il-Kunsilliera qablu li meta jinxtraw il-fanali, jitwaħħlu mill-Kunsill. |
| 17.04.06 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-membri li s-sid tal-guest house fi Sqaq L-Erwieħ xtara fanal li ser jitwaħħal f'dik iż-żona . Barra minn hekk, ser titwaħħal arkata bid-dawl, jitpoġġa bank bħala soluzzjoni possibbli għall-problema tal-borża tal-iskart kif ukoll titħejja pjanta. Il-kunsilliera qablu mal-proposti msemmija. |
| 17.04.07 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-membri li rċieva xi kummenti mingħand residenti dwaru. Huwa esprima x-xewqa li, f'każ ta' xi mistoqsijiet jew kritika, il-komunikazzjoni ssir miegħu direttament, minflok permezz ta' kummenti indiretti jew bejn in-nies. Il-kunsillier Glauber Spiteri issuġġerixxa dwar infurzar fuq l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-kunsilliera li l-ispiża tas-servizz, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-6:00 a.m. u s-6:00 p.m., hija ta' €29.50 fis-siegħa. |

| | |
|---|---|
| 17.04.08 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-membri li kellu kuntatt ma' persuna jismu Konrad Pace, li wera x-xewqa li jarma kiosk fil-Baċir tal-Ikel u li joffri xi ikel b'xejn lil persuni fil-bżonn. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill m'għandux joħroġ permess għal dan, peress li jekk tingħata permess lil persuna waħda, ikun hemm obbligu li jingħata wkoll lil oħrajn, u dan jista' joħloq preċedent mhux mixtieq. |
| 17.04.09 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-membri li ġie kkuntattjat minn resident fi Triq Wigi Rosato, li talab li jiġi stabbilit parkeġġ bil-ħin ta' mhux aktar minn tliet sigħat fil-post fejn jinġabar l-iskart. Dan minħabba li l-iskart qed jinġabar taħt it-tieqa tad-dar tiegħu, u qed jikkawża rwejjaħ mhux pjaċevoli. Il-Kunsilliera ma qablux ma' din il-proposta u esprimew l-opinjoni li l-aħjar soluzzjoni tkun li jsir kuntatt mal-kuntrattur jew operatur responsabbli għall-ġbir tal-iskart, sabiex dan jinġabar minn post alternattiv li ma jdejjaqx lir-residenti. |
| 17.04.10 | Is-Sindku informa lill-membri li kien f'kuntatt mar-Reġjun Port sabiex jivverifika l-istat ta' ftehim ma' Enemalta dwar id-dawl. S'issa, għadu ma ntlaħaqx ftehim formali. Huwa nforma wkoll li hemm il-possibilità li l-Kunsill jikseb permess mill-Gvern Lokali għal ammont definit, sabiex isir direct order. Ladarba jinħareġ dan il-permess, il-Kunsill ikun jista' jkellem kuntrattur, jew aktar minn wieħed, biex jitlestew il-bozoz — sakemm ma jinqabżx l-ammont approvat. |
| 17.04.11 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri żied li l-fuljett li jinkludi l-wirjiet li qed isiru fil-Bormla ġie ppreparat u bħalissa qed jitqassam. Huwa rrimarka wkoll li diġà waslu kummenti pożittivi dwaru. |
| **17.05** | **Approvazzjoni għal-ħaddiem/a ġdida tal-kunsill** |
| 17.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li, kif diġà huma jafu, ħaddiema waqfet mill-impjieg tagħha mal-Kunsill. Għaldaqstant, se tibda ssir tfittxija |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | sabiex tinstab persuna oħra bħala sostitut. Il-Kunsilliera komplew billi staqsew jekk għall-pożizzjoni hux se tkun meħtieġa kwalifika ta' O-Level. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li se tivverifika dan sabiex il-proċess jitmexxa b'mod korrett u skont il-leġiżlazzjoni rilevanti. Il-kunsilliera qablu li mexxu biex nipproċedu għat-tfittxija tal-ħaddiema. Il-Kunsill għandu fondi biex jħallsu din il-ħaddiema peress li ġiet itterminata waħda. |
| **17.06** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mil- kunsilliera** |
| 17.06.01 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk hux possibbli li jitwaħħal dawl fit-taraġ tax-xellug ħdejn l-iskola St Francis, minħabba li xi residenti ilmentaw li ż-żona hija mudlama. Il-Kunsilliera qablu mal-proposta. |
| **17.07** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' ħlasijiet** |
| 17.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 4 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Marzu 2025.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella approva l-iskeda numru 4 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsillier Glauber Spiteri issekondah.<br><br>Kif ukoll, il-Kunsilliera Rita Gatt approvat l-petty cash ta' Marzu, waqt li l-Kunsillier Glauber Spiteri isskonda. |
| **17.08** | **Mozzjonijiet** |
| 17.08.01 | Għeżież,<br>qed nitlob illi il-kunsill jiftah pjatta formi ġodda tal-Midja Soċjali. Bħal ma nafu diġa nfetħet il-paġna ta' Instagram pero issa nemmen ukoll illi għandha nmorru għal-xi ħaġa ġdida.<br><br>***Visit Bormla*** :Idea li ħarġet waqt diskussjoni waqt il-kunsill tat-tfal. Din tkun paġna fuq TikTok fejn issiru diversi videos qosra b'informazzjoni fuq beltna. Tajjeb illi nsemmi illi TikTok huwa wieħed mil-aqwa midja soċjali fejn tista' tirreklama. |

| | |
|---|---|
| | **Glauber Spiteri**<br><br>Proponent: Glauber Spiteri _________________<br><br>Sekondant :<br><br>Din il-mozzjoni ser terġa' tiġi diskussa 'l quddiem. Il-Kunsillier Glauber Spiteri wera xewqa li ssir qabel il-Cospicua Short Play Festival.<br><br>Din il-mozzjoni reġgħet ġiet diskussa, u ntlaħaq qbil li tiġi diskussa mill-ġdid f'stadju aktar avvanzat. |
| 17.08.02 | Mozzjoni Numru 57/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 (IX)<br><br>Nixtieq nippreżenta mozzjoni biex tintbagħat ittra dwar il-pots kbar fuq il-bankini fi Triq Santa Margerita. Dawn qed joħolqu problema għar-residenti, għax qed jagħmluha diffiċli biex jgħaddu, speċjalment dawk b'pushchairs jew bżonnijiet speċjali.<br><br>Napprezza jekk nistgħu niddiskutu dan aktar. Grazzi.<br>**Glauber Spiteri**<br><br>Proponent: Glauber Spiteri _________________<br><br>Sekondant:<br><br>Il-Kunsilliera qablu li forsi jistgħu jitneħħew pjanti minn naħa waħda ta' triq, iżda s-Sindku jemmen li se noħolqu ħafna tgergir bla bżonn. Għalhekk, l-ewwel qablu li l-Kunsillier Glauber jitkellem mal-persuni li illmentaw biex forsi għandhom xi idea aħjar x'jistgħa jsir.<br><br>Hekk kif il-Kunsillier Glauber Spiteri reġa' tkellem ma' dawn ir-residenti, ma nstab l-ebda soluzzjoni alternattiva, u għaldaqstant intlaħaq qbil li jitħallew kif inhuma bħalissa. |
| **17.09** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 17.09.01 | Is-seduta ġiet mtemma 18:15 ta filgħaxija u ġiet aġġornata għal 21 ta' Mejju fil-Ħamsa. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*